MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 344/2008

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Luca Galea.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tnejn u tletin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€632.87) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minnu skond Client Contract number 1006483 in konnessjoni ma' servizzi rezi lilu mis-socjeta' attrici fix-xhur ta' bejn Mejju 2007 u Ottubru 2007. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Frar 2008 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u tnejn u tletin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€632.87), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------